VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,835, 25 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 464 tal-2011

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Regolamenti tal-2011 dwar l-Inqas Kumpens għal Bini Rekwiżizzjonat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija fil-paragrafu (j) tal-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, il-Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar l-Inqas Kumpens għall-Bini Rekwiżizzjonat.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2011.

Applikabilità tal-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili għal bini rekwiżizzjonat. Kap. 125.

2. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili dwar il-kera ta' residenza, mill-ewwel rata dovuta wara t-30 ta' Settembru, 2011 għandhom japplikaw ukoll għall-bini li jkun jikkonsisti f'residenza li jkun rekwiżizzjonat skont l-Att dwar id-Djar.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti 'kera' għandha tinkludi wkoll kumpens li għandu jitħallas taħt l-Att dwar id-Djar għall rekwiżizzjoni ta' bini li jkun jikkonsisti f'residenza u fil-kaz ta' dak il-kumpens li jkun qiegħed jiġi mħallas, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.